**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Michael Vella)**

**-vs-**
**Matija Kostovic detentur tal-Karta tal-Identita' Serbjana bin-numru 010440272.**

*Kumpilazzjoni Nru. 644/2024*

Illum, 17 t' Awissu, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Matija Kostovic** u ċioè talli:

Fis-sbatax (17) -il jum ta' Awwissu 2024 f'xi ħin bejn nofsillejl (00:00am) u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu ġewwa n-Nightclub bl-isem ta' Toyroom ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

**1.** Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Gabriele Candido** u dan bi ksur **tal-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**2.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien

jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), fejn twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur **tal-Artikoli 251(3), 251H(f) u 251H(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**3.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' **Gabriele Candido** sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur **tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**4.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi modijiet oħrajn mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur **tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

U aktar talli nhar is-Sbatax (17) ta' Awwissu 2024 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data ġewwa n-Nightclub bl-isem ta' Toyroom ġewwa Triq San Gorg, Paceville, San Ġiljan u/jew f'bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin;

**5.** Minn barra mill-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodiċi jew f'liġi oħra, għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorità kompetenti, meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi, u dan bi ksur **tal-Artikolu 338 (gg) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**6.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħadem bħala gwardjan privat mingħajr ma kellu liċenzja skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, u dan bi ksur **tal-Artikoli 3, 6(1) u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Gabriele Candido** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikoli 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-ġrieħi mġarrba mill-parte leża jinkwadraw wriehom fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u mhux fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.
Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li bejn l-ewwel tlett imputazzjonijiet japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni. L-istess prinċipju japplika bejn il-ħames u

s-sitt imputazzjoni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata fis-sitt imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(b), 251(3), 251H(f)(h), 338(dd)(gg) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 25(b) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għall-**sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-erba' snin millum kif ukoll multa ta ħames mitt ewro (€500).

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ġaladarba f' dan il-proċediment ma kien hemm l-ebda espert nominat, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista tal-fatt li l-Qorti semgħet kif l-imputat kien qed jaħdem bħala security mal-istabbiliment Toyroom, kif anke wera bil-flok li kien libes li kellu l-kliem SECURITY fuq dahru - tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Aġenzija Jobsplus sabiex minnufih iniedu investigazzjonijiet fl-operat u senjatament dak ta' reklutaġġ f'dan l-stabbiliment.

Finalment, ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**
**Notifika: Kummissarju tal-Pulizija**
**D.I.E.R**
**Jobsplus**